MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 2598/1996/1

**Formosa & Camilleri Ltd., bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha is-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Limited u b'nota tat-18 ta' Jannar, 1999, is-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Limited u b'nota ta' l-10 ta' Mejju 2004 is-socjeta` Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet**

**u obbligi tas-socjeta` estera AXA Insurance plc gia` Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha M. Demajo (Graphic Arts) Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc.**

**v.**

**Valfracht RoRo Line Limited armaturi tal-bastiment LIPA u The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Fis-16 ta' Settembru 1995, wasal Malta l-bastiment LIPA li, fost merkanzija ohra, garr merkanzija konsistenti f'21 pallet ta' 2/S *coated paper* ghas-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Limited. Din is-socjeta` importat din il-merkanzija mill-Germanja u l-bastiment in kwistjoni ghabba din il-merkanzija fil-port ta' Antwerp. Din il-merkanzija kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta Guardian Royal Exchange Assurance plc, originarjament rapprezentata f'Malta mis-socjeta` Formosa & Camilleri Limited. L-importatur allega li meta rtira l-merkanzija tieghu huwa sab li f'erba' pallets kontinenti 56000 folja karta kien hemm hsara deskritta bhala "soiling, wrinkling and damaged edges" fir-rapport preparat mis-*surveyor* ta' l-Institute of London Underwriters, liema rapport jinsab a fol. 11 tal-process. L-importatur talab lis-socjeta` assikurattrici biex tirrizarcih tad-danni li sofra fil-merkanzija tieghu. Effettivament hija halsitu s-somma ta' elf mitejn u tmienja u sebghin lira u tletin centezmu (Lm1.278,30), apparti li hallset ukoll sitta u hamsin lira (Lm65) bhala *survey fees*, u giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importaturi. Il-merkanzija dannegjata giet mibjugha lil terzi u gie minnha rikavat is-somma ta' tlett mija u sittin lira (Lm360). Fil-21 ta' Awissu 1996 is-socjeta` assikurattrici, kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Limited, intavolat l-odjerna

kawza quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili. Is-socjeta` attrici talbet lil dik il-Qorti tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom kien responsabbli ghan-nuqqas fuq referit u ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u erbgha u sebghin lira u tletin centezmu (Lm974.30) dovuti bhala danni u *survey fees*, flimkien ma l-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

2. Is-socjeta` Valfracht RoRo Line Limited eccepiet, fost eccezzjonijiet ohrajn, li hija ma kenitx proprjetarja tal-vapur LIPA u ghalhekk ghandha tigi liberata bl-ispejjez. Barra minn dan, eccepiet ukoll li d-danni fuq il-merkanzija ma gewx kagunati minnha, izda gew kagunati jew minn terzi jew mis-socjeta` konvenuta l-ohra, The Cargo Handling Co. Ltd.

3. Is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., ikkontestat il-kawza b'diversi eccezzjonijiet fosthom li t-talbiet attrici kienu infondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-merkanzija giet zbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara. Eccepiet ukoll li hija ma tistax tinzamm responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqas allegat skond it-terminu tar-Regolament numru 86 dwar il-Portijiet tal-1996.

4. L-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-kawza b'sentenza moghtija fis-17 ta' Mejju 2002 fejn, *inter alia* ma laqghetx l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, hlief ghall-hames eccezzjoni tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. rigwardanti is-*survey fees* pretizi mis-socjeta` attrici. L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet hekk:
"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti responsabbli ghall-parti mid-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont mhux eccedenti s-somma ta' sitt mija tmienja u tmenin lira Maltin tnejn u sebghin centezimu (Lm688.72) billi s-socjeta` Valfracht Roro Line Limited tirrispondi ghal zewg terzi minn dan l-ammont u cioe` s-somma ta' erba' mija disgha u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezimu (Lm459.15), u s-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd tirrispondi ghal terz minn dan l-ammont u cioe` is-somma ta' mitejn disa' u ghoxrin lira Maltin tmienja u hamsin centezimu (Lm229.58) u ghalhekk

tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammonti hawn imsemmija, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal kwart mis-socjeta` attrici, nofs mis-socjeta` Valfracht Roro Line Limited u kwantu ghall-kwart iehor mis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd."

5. Kopja shiha tas-sentenza msemmija ta' l-ewwel Qorti qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integerali minnha billi dik is-sentenza tikkontjeni sunt komprensiv tal-provi l-aktar saljenti akkwiziti fil-process, kif ukoll il-motivazzjoni li wassal lil dik il-Qorti biex tasal ghall-konkluzjonijiet imsemmija taghha.

**II. L-APPELL**

6. Is-socjeta` Valfracht Roro Line Limited hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghalhekk appellat minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fis-6 ta' Gunju 2002. Fost ir-ragunijiet li semmiet f'dan ir-rikors, is-socjeta` appellanti sostniet li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta cahdet it-tieni eccezzjoni taghha ghaliex hija ma kenitx il-proprjetarja tal-vapur LIPA u ghalhekk kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghal ragunijiet dettaljatament spjegati minnha fir-rikors ta' l-appell taghha, s-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet li d-danni rizarcibbli mhux dawk mitluba fic-citazzjoni imma somma ferm inqas ta' Lm688.72c u fejn irriteniet li s-socjeta` appellanti ma kellhiex responsabbilita` ghall-parti minn dawn id-danni li gew akkollati lis-socjeta` l-ohra konvenuta Cargo Handling Co. Ltd, u tirrevokaha fejn irriteniet li s-socjeta` appellanti kienet responsabbli ghall-parti mid-danni u kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm459.15c) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u nofs l-ispejjez, u minflok tilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` appellanti u tiddikjara li mhix responsabbli ghad-danni u spejjez kemm ghax giet citata hazin u kif ukoll ghar-ragunijiet l-ohra fuq premessi, u in

subordine, tikkundannaha thallas somma inferjuri ghal dik li ghaliha giet ikkundannata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici u/jew is-socjeta` l-ohra konvenuta.

7. Is-socjeta` attrici appellata ikkontestat l-appell b'risposta prezentata minnha fit-2 ta' Lulju 2002 li biha sostniet li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u ghalhekk timmerita konferma. Fl-istess risposta hija wiegbet ghad-diversi sottomissjonijiet li saru mis-socjeta` appellanti u ghalhekk talbet li din il-Qorti joghogobha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' l-ewwel istanzi decizi mill-ewwel Qorti filwaqt li dawk tat-tieni istanza ghandhom ikunu a karigu esklussiv tas-socjeta` konvenuta appellanti.

8. Is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ma pprezentat l-ebda risposta bil-miktub. Madanakollu hija kkontestat l-appell bit-trattazzjoni orali li saret fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar 2005. Ghandu jigi nnutat li la s-socjeta` attrici u lanqas is-socjeta` konvenuta appellata The Cargo Handling Co. Ltd. ma ressqu ebda appell jew appell incidentali dwar il-partijiet tas-sentenza appellata li fihom kienu sokkombenti.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

9. Jidher mill-*bill of lading* datat 4 ta' Settembru 1995 u li kopja tieghu tinsab a fol. 6 u 7 tal-process, illi l-merkanzija in kwistjoni tghabbiet fuq il-bastiment in kwistjoni li garrha "clean on board" liema espressjoni tfisser li din tghabbiet minghajr ebda hsara apparenti. Irrizulta li meta din il-merkanzija giet skarikata hawn Malta fis-17 ta' Settembru 1995, it-tally clerks taz-zewg socjetajiet konvenuti nnotaw fit-tally sheets rispettivi taghhom illi mill-wiehed u ghoxrin (21) pallet li fuqhom kienet moghbijja il-merkanzija in kwistjoni kien hemm zewg pallets minnhom li tnizzlu bil-hsara. Dawn it-tally sheets jinsabu rispettivament a fol. 25 u 31 tal-process. Ghaldaqstant jidher car li l-hsara f'dawn iz-zewg pallets giet kagunata meta l-merkanzija kienet abbord il-vapur. Il-qofol tal-kwistjoni principali li trid tigi deciza f'dan l-appell hija precizament jekk is-socjeta` appellanti ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-hsarat u

d-danni konsegwenzjali li gew kagunati fil-merkanzija mghobbija fuq iz-zewg pallets.

10. Fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjeta` appellanti bbazat l-aggravji taghha principalment fuq il-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni taghha li kienet tghid li hija ma kinetx il-proprjetarja tal-vapur LIPA u ghaldaqstant kellha tigi liberata bl-ispejjez. Dwar din it-tieni eccezzjoni, is-sentenza appellata rrimarkat hekk:

**"Dwar it-tieni eccezzjoni qed jigi sottomess mid-difensur tas-socjeta` Valfracht li din is-socjeta` hija agenta tal-vapur u mhux proprjetarja tieghu. Din is-sottomissjoni hija kontradetta mix-xhieda ta' l-istess Mario Tellus, rapprezentant tas-socjeta` Valfracht, li kkonferma li din is-socjeta` hija "charterer" tal-vapur Lipa. Dan wara kollox jirrizulta mill-istess socjeta`.**

**"Issa kif huwa ben risput ir-responsabbilita` ghal merkanzija li tkun qed tingarr tghaddi fuq ic-charterer ta' vapur li jkollu l-kontroll effettiv tieghu ad eskluzjoni tas-sid l-istess vapur.**

**"Fir-rigward ta' dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' responsabbilita` ghal dak li jitghabba abbord billi l-Bill of Lading giet iffirmata mill-Kaptan li huwa impjegat ta' sid il-bastiment, jigi osservat li dan mhux minnu billi min iffirma l-polza ta' kariku u cioe` Herfurth & Boutmy N.V. ghamlu hekk "as agents for Valfracht Roro Line Limited"."**

11. Is-socjeta` appellanti qeghdha ssosstni f'dan l-appell li dawn il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti kienu bbazati fuq apprezzament zbaljat ghal kollox tal-fatti. In oltre gie sottomess ukoll il-punti ta' ligi relevanti gew interpretati hazin mill-ewwel Qorti jew ma saritx distinzjoni fuqhom kif kellha ssir.

12. L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens li, nonostanti li l-ewwel Qorti accettat li s-socjeta` appellanti kienet ic-*charterer* tal-vapur Lipa, madanakollu l-istess Qorti naqset li taghmel distinzjoni bejn "simple charterer" u "bareboat charterer" jew "demise charterer".

Fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjeta` appellanti qeghdha tinsisti li hawn si tratta biss ta' "simple charter" fejn l-armatur jew il-proprjetarju tal-bastiment baqa' bil-kontroll effettiv ta' l-istess bastiment. Is-socjeta` appellanti kompliet tghid hekk:

"Huwa wkoll il-Master li jorbot lill-armatur meta jiffirma il-Bills of Lading. Kieku s-socjeta` appellanti kienet "Bareboat" jew "Demise charterer", allura iva kienet tigi konsidrata bhala "disponent owner", jigifieri qisha l-armatur jew "shipowner" ghax kien ikollha "effective and exclusive control of the ship" tramite l-master. Imma dan ma kienx il-kaz. Ghalhekk huwa car li meta l-ewwel Qorti ekwiparat il-pozizzjoni tas-socjeta` appellanti bhala "simple charterer" ma' dik ta' l-armatur, ghamlet zball fl-interpretazzjoni tal-ligi."

13. Ta' min isemmi hawn li l-kwistjoni li s-socjeta` appellanti kienet ic-"charterer" tal-vapur in kwistjoni ssemmiet biss quddiem l-ewwel Qorti mix-xhud Mario Tellus. Ghalkemm dan ix-xhud ta xhieda kopjuza fuq aspetti ohra tal-kawza, pero`, fuq dan l-aspett huwa sempliciment qal hekk:

"Is-socjeta` konvenuta li semmejt hija c-"charterer" tal-vapur Lipa li ttrasporta l-merkanzija in kwistjoni lejn Malta."

Meta dan ix-xhud xehed huwa qal li kien l-"operations manager" mas-socjeta` konvenuta Valfracht Roro Line Ltd. Qal ukoll li dak iz-zmien li giet importata l-merkanzija in kwistjoni huwa kien impjegat ma' l-istess socjeta` konvenuta izda kellu l-pozizzjoni ta' "operations executive". Fil-process ma hemm l-ebda prova dwar in-natura preciza tac-"charter party" in kwistjoni. Dan qed jinghad billi huwa risaput illi jezistu diversi ghamliet ta' "charter party" l-aktar komuni huma "voyage charter", "time charter" kif ukoll "bare-boat charter" u "demise charter". Naturalment l-effetti guridici dwar ir-responsabbiltajiet tac-"charterer" jiddependi minn x'tip ta' "charter party" ikun il-kuntratt in kwistjoni. Issa fil-kaz odjern ma gie prezentat l-ebda "charter party" biex wiehed ikun jista' jiddentifika n-natura u l-indoli guridiku partikolari tal-kuntratt, prova din li kienet tispetta lis-socjeta`

appellanti. Dan huwa hekk, mhux biss ghaliex l-allegazzjoni li hija kienet ic-"charterer" tal-vapur kienet gejja minnha, izda wkoll ghaliex prova bhal din x'aktarx kienet fil-poter taghha biss li taghmilha. Kien biss fl-istadju ta' l-appell li s-socjeta` appellanti allegat li hawn si tratta ta' "simple charter", u kien f'dan l-istadju biss li hija enfasizzat li hawn non si tratta ta' "demise charter".

14. Il-polza tal-karigu in kwistjoni, li kopja taghha tinsab esebita a fol. 67, tal-process ma tispecifikax u lanqas taghti ad intendere li s-socjeta` appellanti kienet biss semplici "charterer" tal-bastiment Lipa. Wiehed jinnota li t-trasport tal-merkanzija in kwistjoni sar a bazi tal-polza tal-karigu mahruga fuq isem is-socjeta` appellanti, li isimha jinghata prominenza fuq l-istess polza. Din il-Qorti, bhal-ewwel Qorti, ma tistax tibbaza ruhha fuq prezunzjonijiet u assunzjonijiet izda trid tibbaza ruhha fuq il-provi prodotti u akkwiziti fil-process. U billi fil-process tonqos il-prova li s-socjeta` appellanti hija biss "a simple charterer" tal-vapur in kwistjoni, allura l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti ma jistax jintlaqa'.

15. Is-socjeta` appellanti siltet argument favur it-tezi taghha billi ghamlet referenza ghal mod kif giet ffirmata l-polza tal-karigu in kwistjoni kif ukoll ghall-klawsola 25 ta' l-istess polza cioe` l-"agency clause". Il-polza tal-karigu in kwistjoni fiha certa ambigwita`. Infatti hija partikolarment ambigwa billi, fis-sustanza, din il-klawsola 25 qeghdha tindika <u>li l-parti li harget il-polza</u> qeghdha tiddeklina kull responsabilita` personali fil-kas li hija ma tkunx il-proprjetarja tal-bastiment jew "charterer by demise".

Din il-klawsola infatti hija ambigwa proprju ghaliex tikkontradixxi l-impressjoni li hi kreata bl-istampar b'mod prominenti hafna ta' l-isem tal-parti li harget il-polza, waqt li fl-istess hin din il-klawsola ma tizvela xejn dwar ir-rwol preciz li ghandha din il-parti. Jista jigi argumentat li din ix-xorta ta' ambigwita`, apparti konsiderazzjonijiet ohra, tmur kontra l-bona fede mistennija li tintwera mill-partijiet kontraenti u ghalhekk tista' tkun ritenuta invalida taht dan l-aspett. Certament, fil-kaz odjern, fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti mis-socjeta` appellanti dwar in-natura preciza

tac-charter party imsemmi mix-xhud Mario Tellus, din il-klawsola 25 ftit li xejn tista’ tkun ta’ ghajnuna biex verament tagevola t-tezi tas-socjeta` appellanti.

Din il-Qorti ma thossx li ghandha bzonn telabora aktar dwar l-imsemmija zewg argumenti tas-socjeta` appellanti imsemija fil-paragrafu precedenti. Dana principalment ghaliex dawn iz-zewg argumenti huma t-tnejn marbuta ma’ l-allegazzjoni taghha li hawn si tratta ta’ “a simple charter”, prova din li ma saritx b’mod sodisfacenti mis-socjeta` appellanti. Konsegwentement anke dawn iz-zewg sottomissjonijiet taghha ma jistghux jintlaqghu.

16. L-ahhar aggravju tas-socjeta` appellanti jikkonsisti fis-sottomissjoni li:
“.... l-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li z-zewg pallets li kienu tnizzlu “slightly damaged”, setghu gew ulterjorment danneggjati meta kien ghadhom fil-kustodja tas-socjeta` l-ohra konvenuta u/jew fil-mahzen tal-konsenjatarju jew waqt it-tragitt bejn il-port u l-mahzen, stante li ghadda zmien konsiderevoli bejn meta l-merkanzija giet skarikata minn abbord u saret il-konsenja lis-socjeta` l-ohra konvenuta u meta sar is-“survey” u b’dana kollu l-ewwel Qorti xorta akkollat ir-responsabbilita` kollha ghal dawn iz-zewg pallets lis-socjeta` appellanti.”

17. Kontrarjament ghal dak li qeghda targumenta s-socjeta` appellanti f’dan l-aggravju, il-provi akkwiziti fil-process ma jindikawx illi l-hsara kienet “slight”. It-*tally sheets* in kwistjoni cioe` dawk li huma esebiti a fol. 25 u 31 tal-process sempliciment jindikaw illi zewg pallets kienu “damaged”. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi migbura mill-ewwel Onorabbli Qorti u ma tara ebda raguni sufficjenti ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni li wasslet ghaliha dik il-Qorti. L-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ u tikkonsidra “at first hand” il-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jixhdu u ghalhekk kienet f’pozizzjoni ahjar minn din il-Qorti biex taghmel apprezzament gust tal-provi. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment il-gudizzju li tkun ghamlet l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi, izda taghmel hekk biss biex tevita

li ssir xi ingustizzja manifestata lejn xi parti. Certament li dan mhux il-kaz fil-kawza odjerna. Konsegwentement ebda wiehed mill-aggravji li ressqet is-socjeta` appellanti ma jista’ jintlaqa’ minn din il-Qorti.

18. Ghandu jigi notat, kif diga` gie accennat qabel, li la s-socjeta` attrici u lanqas is-socjeta` konvenuta l-ohra ma ressqu ebda appell jew appell accidentali dwar il-parti tas-sentenza appellata li dwarha kienu sokkombenti. Ghalhekk dik is-sentenza ghaddiet in gudikat f’dawn il-partijiet u ghalhekk hemm lok li din is-sentenza appellata tigi kkonfermata in toto.

19. Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-interita` kollha taghha. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu kollha a karigu tas-socjeta` appellanti.

Deputat Registratur
df

**<u>Appendici</u>**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Mejju 2002, fl-ismijiet premessi qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------